**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2011 — Toland vs Il-Parlament**

**(Kawża T-471/08)** [1]

***("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rapport ta' verifika fuq kumpens għall-assistenza Parlamentarja — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni li tirrigwarda l-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki — Eċċezzjoni li tirrigwarda l-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali")***

(2011/C 211/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Ciarán Toland (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. Burke, solicitor, E. Regan, SC, u J. Newman, barrister)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: H. Krück, N. Lorenz u D. Moore, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Renju tad-Danimarka (rappreżentanti: B. Weis Fogh u C. Vang, aġenti), Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: J. Heliskoski, A. Guimaraes-Purokoski u H. Leppo, aġenti); u r-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: A. Falk, S. Johannesson u K. Petkovska, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Awwissu 2008, Referenza A(2008) 10636, sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 tas-servizz ta' verifika interna tal-Parlament, tad-9 ta' Jannar 2008, intitolat "Verifika tal-kumpens għall-assistenza Parlamentarja".

### Dispożittiv

(1) *Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-11 ta' Awwissu 2008, Referenża A(2008) 10636, hija annullata sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 tas-servizz ta' verifika interna tal-Parlament, tad-9 ta' Jannar 2008, intitolat "Verifika tal-kumpens għall-assistenza Parlamentarja".*

(2) *Il-Parlament ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż ta' Ciarán Toland.*

(3) *Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

[1] ĠU C 32, 07.02.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ġunju 2011 — Psytech International vs UASI — Institute for Personality & Ability Testing (16PF)**

**(Kawża T-507/08)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali 16PF — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru distintiv — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta' sinjali li saru komuni — Nuqqas ta' mala fide — Artikoli 7(1)(b) sa (d) u 51(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikoli 7(1)(b) sa (d) u 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2011/C 211/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Psytech International Ltd (Pulloxhill, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: N. Phillips, solicitor, N. Saunders, barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Institute for Personality & Ability Testing, Inc. (Champaign, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: G. Hobbs, QC, u A. Chaudri, solicitor)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Lulju 2008 (Każ R 1012/2007-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Psytech International Ltd u l-Institute for Personality & Ability Testing, Inc.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Psytech International Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 19, 24.01.2009.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2011 — Power-One Italy vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-489/08)** [1]

***("Rikors għad-danni — Proġett kofinanzjat bl-istrument finanzjarju LIFE+ — Żvilupp ta' sistema ġdida ta' provvista ta' enerġija għal użu fis-settur tat-telefonija ċellulari (proġett Pneuma) — Użu ħażin ta' proċedura — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")***

(2011/C 211/51)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Power-One Italy SpA (Terranova Bracciolini, l-Italja) (rappreżentanti: R. Giuffrida u A. Giussani, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Oliver u D. Recchia, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm il-proġett Pneuma (LIFE04 ENV/IT/000595), maħsub sabiex jikkofinanzja l-iżvilupp ta' sistema ġdida ta' provvista ta' enerġija għal użu fis-settur tat-telefonija ċellulari.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Power-One Italy SpA hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni.*

---

([1]) ĠU C 6, 10.01.2009.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2011 — Il-Gvern ta' Ġibiltà vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-176/09)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa — Deċiżjoni 2009/95/KE — Lista ta' siti ta' importanza għall-Komunità għar-reġjun bijoġeografiku Mediterranju — Inklużjoni fis-sit ta' importanza Komunitarja msejjaħ 'Estrecho oriental' ta' żona ta' ilmijiet territorjali ta' Ġibiltà u ta' settur ta' baħar miftuħ — Annullament parzjali — Indiviżibbiltà — Inammissibbiltà")***

(2011/C 211/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Gvern ta' Ġibiltà (rappreżentanti: D. Vaughan u M. Llamas, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Boelaert u D. Recchia, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrent:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: E. Jenkinson u S. Ossowski, aġenti, assistiti minn D. Wyatt, QC, u M. Wood, barrister)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: N. Díaz Abad u M. Muñoz Pérez, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/95/KE, tat-12 ta' Diċembru 2008, li tadotta, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, it-tieni lista aġġornata tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bioġeografiku tal-Mediterranju (ĠU 2009, L 43, p. 393), sa fejn din testendi s-sit imsejjaħ "Estrecho Oriental" (ES6120032), bl-ilmijiet territorjali ta' Ġibiltà (kemm ġewwa kif ukoll barra s-sit UKGIB0002) u b'settur ta' baħar miftuħ.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Il-Gvern ta' Ġibiltà huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għall-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.*

(3) *Ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 153, 04.07.2009.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Mejju 2011 — Y vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-493/09 P)** ([1])

***(Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Tkeċċija — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2011/C 211/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* Y (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: J. Van Rossum, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: inizjalment J. P. Keppenne u L. Lozano Palacios, sussegwentement J.-P. Keppenne u D. Martin, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (it-tielet Awla) tas-7 ta' Ottubru 2009, Y vs Il-Kummissjoni (F-29/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u li jitlob l-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Y għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

---

([1]) ĠU C 221, 14.8.2010

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2011 — Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-115/10)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi — Deċiżjoni 2010/45/UE — Lista ta' siti ta' importanza għall-Komunità għar-reġjun bijoġeografiku tal-Mediterran — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att purament konfermattiv — Inammissibbiltà")***

(2011/C 211/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: S. Ossowski, aġent, assistit minn D. Wyatt, QC, u M. Wood, barrister)